

- 6) Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbati nofs l-ispejjeż rispettivi tiegħu sostnuti fil-kuntest kemm tal-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell.

(¹) ĠU C 319, 23.9.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Ottubru 2020 – Close SA, Cegelec SA vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-447/19 P) (¹)

(Appell – Rikors għal annullament – Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet – Proċedura ta' sejħa għal offerti – Xogħlijiet ta' estensjoni u ta' aġġornament tal-bini Konrad Adenauer fil-Lussemburgu – Portata tal-obbligu tal-awtorità kontraenti li tinforma lill-offerent li ma jkunx kiseb il-kuntratt – Motivazzjoni)

(2020/C 423/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Close SA, Cegelec SA (rappreżentanti: M. Rikkers u J.-L. Teheux, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Paladini u B. Schäfer, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Close SA u Cegelec SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 312, 16.09.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Ottubru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Amtsgericht Potsdam – il-Ġermanja) – Möbel Kraft GmbH & Co. KG vs ML

(Kawża C-529/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2011/83/UE – Artikolu 16 (c) – Dritt ta' rtirar – Eċċezzjonijiet – Oġġetti li saru skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-konsumatur jew ippersonalizzati b'mod ċar – Oġġetti li l-produzzjoni tagħhom inbdiel mill-kummerċjant)

(2020/C 423/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Potsdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Möbel Kraft GmbH & Co. KG

Konvenut: ML

Dispożittiv

L-Artikolu 16(c) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eċċezzjoni għad-dritt ta' rtirar prevista f'din id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata kontra konsumatur li jkun ikkonkluda kuntratt lil hinn mill-post tan-negozju fir-rigward tal-bejgħ ta' oġġett li għandu jsir skont l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-kummerċjant ikunx beda l-produzzjoni tal-imsemmi oġġett.

(¹) ĠU C 348, 14.11.2019.